MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Numru. 927/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**

**KONTRA**

**MARLON CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marlon Camilleri, bin Angelo u Carmen nee' Zammit, mwieled Pieta', nhar l- 14 ta' Gunju 1983, residenti fil-fond Moonlight, Triq il- Maggur A Aquilina, B'Kara, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 309983(M);

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli:

1) nhar it- 22 ta' Settembru 2008 ghall- hin ta' bejn l-4.00pm u s -6.00pm u fi granet ta' qabel, minn mahzen bla numru li jinsab fi Triq il- Ghajn l-Imriehel, Qormi, u minn mahzen bla numru fi Triq Kanun Santa Venera, ikkommetta serq ta' oggetti (airconditions, oggetti relatati u ghodda) ghad- detriment tal- kumpanija Central Trading Co. Ltd. ta' 120 Fleur De Lys, Santa Venera liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li jaccedi s- somma ta' 2329.37 ewros (Lm1000) u cioe s- somma ta' 58234.33 Ewros (Lm25000) u bil- persuna;

2) aktar talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijeit ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3) u aktar talli wettaq reat fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija mill- Qorti tal- Magistrati nhar il- 25 ta' Frar 2005, moghtija mill- Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat in-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza, u fil-fatt, ghal kull buon fini, hu rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat kien irregistra ammissjoni ghal din il-kawza fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2009, u kien tqieghed taht Ordni Provizorja ta' Supervizjoni ma' Ufficjal tal-Probation fis-seduta ta' wara, fit-12 ta' Marzu, 2009, sabiex il-Qorti jkollha l-fehemiet ta' Ufficjal tal-Probation dwar l-andament tal-imputat sa ma tinghata sentenza fil-konfront tieghu. Inoltre, il-Qorti giet infurmata ukoll li l-imputat kien qed ighin lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom fuq dan ir-reat, tant li l-istess Pulizija kienet identifikat persuni ohra li kienu involuti f' dan ir-reat. Id-difiza, ghalhekk, kienet argumentat li l-imputat ma jimmeritax li jinghata piena ta' prigunerija, izda semmai li jinghata tip ta' sanzjoni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446. Il-Prosekuzzjoni, min-naha taghha, qablet mad-difiza f' dan ir-rigward, u l-Qorti qieset sew dawn is-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, kif ukoll dawk maghmula mill-Ufficjal tal-Probation, sabiex tikkunsidra x' forma ta' piena ghandha tinghata lill-imputat. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li jkun gust u ekwu li l-imputat jitqieghed taht Probation ghall-perijodu massimu u jinghata l-assistenza mehtiega biex itejjeb il-qaghda socjali tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261 (b), 261(c), 261 (d), 263, 264 (1), 267, 268 (d), 278 (1), 278 (2), 278 (3), 279 (b), 280(1), 280(2), 281 (a), 289 (1), 18, 31, 49, 50, 28B, 28C u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------